MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-6 ta' Settembru, 2005

Numru 293/2000

**Il-Pulizija**
**Spettur Helga Debono**
**V**

**KENNETH CASSAR**
**MICHAEL RIZZO**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **KENNETH CASSAR** ta' tletin sena **bin missier** mhux maghruf u Maria Pompei Cassar imwieled Pieta nhar s-sittax ta' Dicembru 1970 u residenti 3, St. John Flats, Triq Windsor, Paola detentur tal-karta tal-identita numru 171771M u **MICHAEL RIZZO** ta' tlieta w ghoxrin sena bin Emanuel u Dolores nee Spiteri, imwieled nhar l-ghoxrin ta' April 1977 u joqghod 4, Triq San Frangisk, Fgura, detentur tal-karta tal-identita numru 223577M gew imressqa quddiemha akkuzati:

1. Talli f'dawn il-Gzejjer f'Settembru 1999 u fix-xhur ta' qabel, ghamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqu pattijiet, disposizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlu dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffirmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe ghamlu falsifikazzjoni tal-firma ta' Alfred Rapa, Marthese Bezzina u ta' persuni ohra fuq disgha cekkijiet tal-Bank of Valletta u talli xjentement ghamlu zu mill-istess skritturi jew kitba falza;

2. Talli ffalsifikaw cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra, u cioe disgha cekkjiet tal-Bank of Valletta fuq l-akkont ta' A. Rapa Limited, M.T. Bezzina u persuni ohra, li meta jigu prezentati wiehed jista’ jircievi bihom hlas, jew jiehu kunsinna ta’ oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b’xi att pubbliku tal-Gvern, jew xjentement ghamlu uzu mill-istess karta msemmija;

3. Talli b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta' izmijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghelu titwemmen l-ezistenza ta' inhtraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji jew sabiex jqanqlu tama jew biza dwar xi grajja kimerika jew b'qerq iehor, ghamlu qligh ta' elf hames mija u sebghin lira maltin bi hsara ta' Alfred Rapa, M. T. Bezzina, Bank of Valletta, Pirella Supermarket u persuni ohra ;

Lil **KENNETH CASSAR WAHDU**:

4. Talli halef il-falz quddiem ufficjal li kellu setgha b'ligi li jaghti gurament, liema gurament kien mehtieg bil-ligi u talli sabiex kiseb xi vantagg jew beneficcju ghalih nnifsu jew ghal haddiehor go f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ta

taghrif falz u dan fir-rigward ta' hrug ta' karta tal-identita gdid f'ismu wara li ddikjara li kien tilifiha;

5. Talli kkommetta serq ta' disgha cekkijiet mahruga mill-Bank of Valletta fuq akkont ta' A. Rapa, M.T. Bezzina u persuni ohra u dan ghad-detriment tal-Bank of Vallettta, A. Rapa, M.T. Bezzina u persuni ohra ;

6. Talli xjentement laqgha ghadu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex jbieghhom jew imexxihom;

7. Talli sar recidiv b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta datati erbgha w ghoxrin ta' April 1996 u tnejn u ghoxrin ta' Novembru 1996, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula u talli ikkommetta reat fil-perjodu operattiv tas-sentenzi sospizi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta datati tnax ta' Ottubru 1998 u tlieta ta' Marzu 1999, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat wiehed u tletin ta' Gunju 2000 esibit a fol 35 tal-atti odjerni sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat li l-imputati fl-ezami li sar nhar l-wiehed u tletin ta' Mejju 2000 ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ddikjaraw li m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja, kif jirrizulta a fol 22 et seq tal-atti odjerni.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u dawk tad-Difiza.

Rat s-sentenzi esibiti u cioe dik moghtija fil-konfront tal-imputat Kenneth Cassar nhar t-tnax ta' Ottubru 1998 mill-Magistrat Dottor Tonio Mizzi [fol 137], sentenza ohra moghtija fil-konfront tal-imputat Kenneth Cassar nhar t-tnejn u ghoxrin ta' Novembru 1996 mill-allura Magistrat Dottor Carmelo Farrugia Sacco [fol 140] u sentenza ohra

moghtija fil-konfront tal-imputat Kenneth Cassar nhar t-tlieta ta' Marzu 1999 mill-Magistrat Dottor Carol Peralta [fol 144].

Semghet lid-Difiza tiddikjara fis-seduta tal-ewwel ta' Novembru 2004, [fol 174] li kienet qed tezenta lil Prosekuzzjoni mill-htiega li tressaq xhieda ai fini ta' recidiva.

Rat li l-imputat Michael Rizzo fis-seduta tas-sebgha w ghoxrin ta' Lulju 2005, ghadda s-somma ta' mija u hames liri maltin lil Ufficjal Prosekutur sabiex dawn jigu mghoddija lil Bank of Valletta li effettivament kienet hi li sofriet d-danni u dan ghaliex fil-fehma tieghu, dik hija s-somma li huwa effettivament kien ha.

Ikkunsidrat:

Illi nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Gunju 2000 **xehdet l-Ispettur Helga Debono** [fol 31] fejn qalet li fl-erbatax ta' Settembru 1999, il-Pulizija kienu rcievew rapport minghand il-Bank of Valletta li cheque book tal-kumpanija K&J kien gie misruq u wzat f'diversi stabbilimenti. Il-Pulizija kienet staqsiet lil certu Alfred Rapa u lil Marthese Bezzina li huma s-sidien ta' K&J Confectionery u dawn qalu li kellhom cheque-book li kien insteraq disgha folji minnu u li kienu gew uzati. Minn informazzjoni li gabret il-Pulizija hareg li n-numru tac-cekkijiet kienu 745 sa 750 u 779 sa 785. Dawn gew imsarrfa f'diversi banek u xi whud fil-Pirella Supermarket. Il-Pulizija kellha informazzjoni li kien certu Kenneth Cassar li kien ipprova jsarraf ic-cekk numru 746 fil-Bank of Valletta ta' Rahal Gdid u hemmhekk kien tfixkel u halla l-karta tal-identita warajh. Ic-cekkijiet l-ohra kienu kollha miktubin f'isem Kenneth Cassar barra c-cekk numru 748 li kien miktub f'isem Michael Rizzo.

Ghalhekk Kenneth Cassar gie mitkellem mill-Pulizija nhar l-hdax ta' Ottubru 1999 fejn irrilaxxja stqarrija fejn ammetta li kien seraq l-folji tac-cheque book ta' K&J mill-vettura ta' Alfred Rapa. Kenneth Cassar kien ammetta wkoll li l-kitba u l-firem fuq c-cekkijiet miktubin f'ismu kienu

tieghu izda ma hax responsabblita ghal dak miktub f'isem Michael Rizzo.

Kenneth Cassar qal li kien heba c-cekkijiet f'post pubbliku u seta sab wiehed minnhom Michael Rizzo. Kenneth Cassar kien ammetta wkoll li hu kien halla l-karta tal-identita warajh u li wara kien mar jaghmel ohra u li kien halef il-falz lil Ufficjal Pubbliku li kien tilifiha biex jaghmel wahda gdida. Kenneth Cassar kien ghazel li jiffirma l-istqarrija li rrilaxxja.

Fl-istess jum, Michael Rizzo kien gie mitkellem mill-Pulizija fuq il-kaz u dan wkoll ghazel li jirrilaxxja stqarrija wara li gie moghti s-solita twissija. Dan kien qal li hu kien iltaqa ma Kenneth Cassar li kellu f'idejh diversi cekkijiet li kien qallu li kienu ta' zijuh. Kenneth Cassar kien staqsih jekk setghax isarraflu cekk u hu kiteb cekk f'ismu u wara Kenneth Cassar iffirmah. Qal li hu kien sarraf ic-cekk l-Bank of Valletta ta' Hal Qormi u wara ta l-flus lil Kenneth Cassar li minnhom tah ghaxar liri. Michael Rizzo temm jghid li dan kien sar darba biss u cioe li kien mar isarraf cekk ghal Kenneth Cassar.

Ix-xhud esibixxa l-istqarija ta' Michael Rizzo li giet mmarakata bhala dokument HD 2, u fuqha gharfet l-firma taghha, ta' PC 179 Raymond Aquilina u dik tal-imputat, kif wkoll stqarrija rilaxxjata mill-imputat Kenneth Cassar li giet mmarakata bhala dokument HD 3 u fuqha gharfet l-firma taghha, ta' PC 569 Anthony Cassar u dik tal-imputat. Ix-xhud esibit wkoll tlett cekkijiet mahruga mill-Bank of Valletta ta' Rapa u Mrs. M.T. Bezzina account holder K&J Confectionery wiehed 747, mahrug minn Kenneth Cassar ghal ammont ta' mija u hames liri, wiehed 749 mahrug wkoll minn Kenneth Cassar fl-ammoknt ta' mija u hames liri w iehor 746 mahrug wkoll minn Kenneth Cassar ghal ammont ta' mija u hames liri li flimkien gew mmarkati bhala dokument HD 4. Gew esibit wkoll l-karti tal-identita mahruga f'isem Kenneth Cassar li l-ewwel wahda minnhom giet ppresentata lil Pulizija mis-security tal-branch Bank of Valletta.

In kontro ezami ix-xhud qalet li iz-zewg imputati ikkoloboraw maghha waqt t-tehid tal-istqarriji u li z-zewg imputati ddispjacihom ghal dak li ghamlu. Qalet li Kenneth Cassar kien ghadu ghaddej programm ta' rihabilitazzjoni sa dakinhar.
Illi nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Gunju 2000 **xehed Carmel Farrugia** [fol 42] fejn qal li nhar l-erbatax ta' Settembru 1999, hu kien ghamel kuntatt ma l-Economic Crimes Unit u ghamel rapport peress li kienu rcivew rapport minghand A. Rapa u Mrs. M.T. Bezzina li allegatament kienu hargu xi cekkijiet fuq il-kont taghhom meta fil-fatt dawn ma kienux gew awtorizzati biex jaghmlu hekk. Qal li b'dan kien qed jirreferi ghal tlett cekkijiet, wiehed minnhom bin-numru 747 fl-ammont ta' mija u hames liri, cekk iehor numru 749 fl-ammont ta' mija u hames liri u cekk iehor bin-numru 746 fl-ammont ta' mija u hames liri maltin. Qal li dawn t-tlett cekkijiet gew intestati lil certu Kenneth Cassar detentur tal-karta tal-identita numru 17171M residenti 'St. Paul', Flat 3, Triq Windsor, Paola. Qal li fil-fatt hu kien ta n-numru tal-karta tal-identita ta' Kenneth Cassar lil Pulizija fit-tmienja w ghoxrin ta' Settembru 1999 u dan billi dan in-numru kien gie mghoddi lilu mill-branch ta' Rahal Gdid meta kellhom klijent quddiemhom biex isarraf cekk u sakemm kienu qed jghamlu din t-transazzjoni l-klijent telaq u halla warajh l-karta tal-identita tieghu li kienet f'isem Kenneth Cassar u cekk ta' mija u hames liri maltin.

Illi nhar t-tmintax ta' Novembru 2002 **reggha xehed Carmel Farrugia** [fol 132] wara li gie ezentat mis-sigriet bankarju tieghu rigward l-kont K&J Confectionery ta' Alfred Rapa u Mrs. M.T. Bezzina numru 15806589011 mill-Qorti. Dan ix-xhud qal li hu kap tas-sigurta fil-Bank of Valletta. Qal li kienu hargu xi cekkijiet minn dan il-kont f'Awissu 1999 liema cekkijiet ma kienux awtorizzati minn Alfred Rapa u M.T. Bezzina ta' K&J Confectionery. Qal li skond r-rapport li kien dahlilhom kien hemm tmien cekkijiet li ma kienux awtorizzati, liema cekkijiet gew misjuba neqsin mic-cehque book taghhom u xi hadd kien iffirma ghalihom. Qal li fuq il-firem taghhom ma setgha jghid xejn u lanqas dwar l-ispecimen signiture ghaliex din tal-ahhar hu ma kellux.

Illi nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Gunju 2000 **xehed Alfred Rapa** [fol 44] fejn qal li hu kellu kont kurrenti mal-Bank of Valletta fil-branka ta' Santa Venera f'ismu kif wkoll f'isem Mrs. M.T. bezzina account K&J Confectionery numru 15806589011. Qal li hu kien hareg xi cekkijiet favur Frosiheart Limited u dawn kienu *bounced* u gew *refer to drawer*, gew ritornati lilu. Wara kienu marru xi nies ghandu biex jistaqsu x'kien gara w ghalhekk kien mar l-bank biex jara x'kien gara u lil manager Edith Falzon kien qalilha b'dan peress li skond l-accounts li kellu hu kien ghad fadallu fondi fil-kont tieghu w ghalhekk ma setghax jifhem ghaliex ic-cekk li hareg ma kienx gie onorat. Qal li l-manager iccekkjat x'kien gara u qaltlu kemm, kellu flejjes fl-account tieghu mal-computer u qaltlu li kien hemm xi cekkijiet li hu kien allegatament hareg. Qal li hu kien qalilha li ma setghax ikun ghaliex hu ma harigx cekkijiet f'dawk l-ammonti li semmietlu hi u fil-fatt anke c-cheque book l-qadim taha u meta hi ccekkjat mal-computer, sabet li kien hemm xi cekkijiet ohra. Qal li hu anke c-cheque book l-gdid hadilha u meta bdew jiccekkjaw mal-computer sabu li kien hemm xi folji mic-cheque book neqsin, bil-mamma b'kollox. Qal li ma kienx jaf ezatt kemm il-cekk kien hemm nieqes. Qal li c-cheque book hu kien izommu fil-karozza tieghu. Qal li presenti fl-awla hu ma kien qed jgharaf lil hadd u li c-cekkijiet li kienu ssarrfu mic-cheque book tieghu hu ma kienx rahom pero jaf li hu kien hareg stop payment fuq xi cekkijiet li kienu ghadhom ma gewx imsarrfa u li kienu gew mehuda mill-ktieb tieghu.

Meta gie muri tlett cekijiet mahruga mill-Bank of Valletta esibiti fl-atti bhala dokument HD 4 [fol 40], ix-xhud qal li ghalkemm hemm miktub fuqhom A. Rapa, dik il-firma ma hiex tieghu u fil-fatt wera lil Qorti l-karta tal-identita tieghu fejn fuqha hemm il-firma vera tieghu.

Illi nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Gunju 2000 **xehdet Marthese Bezzina** [fol 49] fejn qalet li hi kellha kont kurrenti flimkien ma missierha Alfred Rapa account K&J Confectionery Bank of Valletta branka ta' Santa Venera numru 15806589011. Qalet li hi kienet irceviet cheque book gdid id-dar u bhala procedura kienet dejjem tghaddih

lil missierha. Qalet li kienet taf li missierha kien hareg xi cekkijiet favur xi kumpanija li kienet gabet xi gelati u dawn ic-cekkjiet ma kienux gew onorati, kienu *bounced*. Qalet li taf li missierha kien mar il-bank biex jara x'kien gara. Meta giet murija d-dokument HD 4 [fol 40] u cioe t-tlett cekkijiet esibiti fl-atti, ix-xhud qalet li dawk kienu mahruga fuq il-kont taghhom u l-firma bhala T. Bezzina fuqhom ma kienetx taghha, ghalkemm kienu mahruga fuq il-kont kurrenti taghhom.

Illi nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Gunju 2000 fuq talba tad-Difiza il-Qorti nnominat lil Marietta Lanzon u lil Mariella Camilleri sabiex jhejju social inquiry report dwar l-imputati.

Illi nhar l-ewwel ta' Novembru 2000 **xehdet Marietta Lanzon** [fol 55] fejn ppresentat r-rapport taghha fir-rigward l-imputat Kenneth Cassar, li gharfet presenti fl-awla, liema rapport gie mmarkat bhala dokument KC [fol 57]. Ziedet tghid li dakinhar l-imputat Kenneth Cassar kien sejjer tajjeb hafna u li kien qed jkollha rapporti tajbin fuqu minn naha tas-Sedqa. Qali li dak iz-zmien kien ghaddej programm residenzjali waqt li kien qed jiskonta sentenza l-habs u li l-problema li kien qed jiffaccja kienet meta jispicca l-programm peress li kellu bzonn lil xi hadd isegwih fil-komunita u ghalhekk hi ssuggeriet perjodu ta' tlett snin. Qalet li fil-passat Kenneth Cassar qatt ma kellu lil xi hadd isegwi l-passi tieghu. Qalet li hu kellu problema ta' serq minn mindu kien zghir u qabel ma fil-fatt kien iffaccjat bil-problema tad-droga li kien ghaddej minnha. Qalet li b'dak li kienu qed jaghmlu mieghu ta' Santa Marija, il-psikologa tal-habs u bil-counselling taghha, l-imputat Kenneth Cassar ghamel progress kbir u huwa bniedem rekuperabbli u qed jaghmel dixxiplina mieghu nnifsu.

Illi nhar t-tmintax ta' Lulju 2002 **regghet xehdet Marietta Lanzon** [fol 121] fejn ikkonfermat li hi kienet ilha ssegwi lil Kenneth Cassar ghal sentejn u li hu kien ghamel programm ta' disintossifikazzjoni u li kien bdieh u spiccah kollu. Qalet li kuntatt mas-Sedqa hu ma kellux u li meta jkollu problema hu kien imur ghandha, li fil-fehma taghha din kienet haga posittiva. Qalet li Kenneth Cassar kien qed jahdem bil-ktieb b'mod regolari ma San Raffaele.

Illi nhar l-wiehed u ghoxrin ta' Jannar 2003 **regghet xehdet Marietta Lanzon** [fol 149] fejn qalet li l-imputat Kenneth Cassar kien spicca l-programm ta' disintossifikazzjoni kollu u kien beda xoghol ma Devlands u li kien spicca f'Awissu 2002 u reggha beda jahdem bhala part timer f'impjieg iehor dik il-gimgha, ma Sign It f'Ta' Qali, jarmaw t-tined. Qalet li kien hemm il-mument ta' prova fis-sens li minn Awissu sa dakinhar kien disokkupat u ma tharbatx.

Illi nhar l-ewwel ta' Dicembru 2004 **regghet xehdet Marietta Lanzon** [fol 176] fejn qalet li hi kienet ilha ssegwi lil Kenneth Cassar ghal dawk l-ahhar erbgha snin u sahansitra anke kien ghamel programm b'success. Qalet li kien ghamel xi zmien full time mal-isptar Mater Dei u nonostante kien telaq, dak iz-zmien kien sab xoghlijiet regolari w irregolari. Qalet li hu kien rega' beda jibni hajtu mill-gdid. Qalet li jekk l-imputat ma jkollux xoghol permanenti full time, l-bank ma kienx ser isellfu flus u li kellu jaghmel kuntatt fi Frar 2005 biex ikun hemm persuna li tavvanzalu l-flus. Qalet li meta kellu impjieg fiss mal-isptar Mater Dei, <u>huwa ma kien wera ebda rimors jew ipprova jikkumpensa lil vittmi tieghu</u>.

Illi nhar l-hmistax ta' Frar 2001 **xehdet Mariella Camilleri** [fol 90] fejn qalet li hi kienet giet nominata sabiex thejji rapport fil-konfront tal-imputat Michael Rizzo u esibit r-rapport in kwistjoni li gie mmarkat bhala dokument MR [fol 92]. Minn ezami ta' dan r-rapport jirrizulta li l-imputat Michael Rizzo kien naqas li jimxi fuq d-direttivi moghtija lilu mill-Ufficjal tal-Probation u fuq il-parir tal-professjonisti fil-qasam tal-kura dwar l-abbuz tad-droga sabiex huwa joqghod ghal programm residenzjali. Fil-fatt minhabba nuqqas ta' ko-operazzjoni tieghu flimkien mal-andament instabbli tieghu, wasslu lil Ufficjal tal-Probation sabiex ghamlet d-denunzja taghha.

Illi nhar s-sebgha ta' Dicembru 2001 regghet xehdet **Mariella Camilleri** [fol 114] fejn qalet li hi kienet qed tiehu hsieb l-imputat Michael Rizzo u li ghal dawk l-ahhar gimghat kien hemm kambjament fl-attitudni tieghu u kien

ordnat randon testing of urine kif mitlub minnha li ta rizultat negattiv. Qalet li dawn t-testijiet saru ghal presenza ta' Cannabis, Eroina u Kokaina. Qalet li Michael Rizzo kien jzomm l-appuntamenti maghha regolari u li kien telaq jghix mal-genituri tieghu u kien qed jghix ghal rasu. Qalet li t-tfajla aktar ma tkunx hemm milli tkun u tkun hemm xi tlett darbiet jew erbgha, ghalkemm kienet baqghet tghix mal-genituri taghha. Ix-xhud kompliet tghid li minhabba inkompatibilita ta' karattru tal-imputat mal-genituri tieghu, huma ma setghux jibqghu jghixu fl-istess dar u ghalhekk hi ma dehrilihiex li kellha topponi li hu jmur jghix ghal rasu. Meta hu kien jghix mal-genituri tieghu fl-istess dar, kien hemm hafna kwistjonijiet li ma kellhomx x'jaqsmu ma droga u disgwid fuq affarijiet zghar ta' kuljum u kienu qed joholqulu tensjoni. Qalet li din il-kwistjoni kienet ilha ghaddejja mhux hazin u meta hu telaq mid-dar, r-relazzjoni mal-genituri tieghu tjiebet.

Illi nhar s-sbatax ta' Marzu 2003 **regghet xehdet Mariella Camilleri** [fol 163] fejn qalet li l-andament ta' Michael Rizzo dak iz-zmien ma kienx wiehed sodisfacenti u li kellu bzonn trattament residenzjali minhabba l-problema t'abbuz ta' droga. Hi ssuggeriet fir-rigward ta' sentenza fil-konfront tieghu, li hu ghandu jkun residenti ghal xi zmien biex din il-problema li ghandu tigi ndirizzata.

Illi nhar t-tmintax ta' Novembru 2002 **xehed John Caruana** [fol 126] fejn esibixxa kopja tal-karta tal-identita ta' l-imputat Kenneth Cassar li harget f'Settembru 1999 fuq applikazzjoi indikanti li hu kien tilef l-wahda li kellu qabel. Din giet mmarkata bhala dokument WPS [fol 128]. Qal li bhala procedura, meta tintilef karta tal-identita, il-persuna li liha tappartjeni din il-karta tal-identita ghandu jaghmel rapport l-Ghassa u l-Ghassa taghtih kopja tar-rapport jew in-numru taghha. Qal li l-procedura li ssir, hija r-responsabbilita tal-Pulizija li quddiemu jaghmel r-rapport u li huma ma kienux jidhlu fiha. Huma johorgu biss karta tal-identita gdid fuq affidavit li l-individwu ikun ghamel.

Illi nhar t-tmintax ta' Novembru 2002 **xehed Carlo Zammit** [fol 129] fejn qal li hu jahdem l-Bank of Valletta u hu rappresentant tal-branka ta' Haz Zabbar. Qal li fit-

tmienja w ghoxrin ta' Awissu 1999, kien gie msarraf cekk fil-branch taghhom, fl-ammont ta' tlett mitt lira allegatament mahrug f'isem Kenneth Cassar minn certa Bezzina u Rapa. Huwa esibixxa dan fotokopja ta' dan ic-cekk li gie mmarkat bhala dokument ST [fol 131].

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Marzu 2003 **reggha xehed Carlo Zammit** [fol 152] fejn esibixxa hames cekkijiet account number 15806589011, li gew mmarkati bhala dokument ML 1 sa ML 5 [fol 154], liema account jghajjat lil Alfred Rapa u M.T. Bezzina. Erbgha minn dawn ic-cekkijiet huma intestati lil Kenneth Cassar filwaqt li l-iehor huwa intestat lil Michael Rizzo. Qal li Kenneth Cassar ghandu numru ta' karta tal-identita 17171M filwaqt li Michael Rizzo ghandu numru ta' karta tal-identita 223577M.

Illi nhar t-tmintax ta' Novembru 2002 **xehdet Karen Bugeja** [fol 134] fejn qalet li tahdem fil-customer service tal-Bank of Valletta u li fix-xahar ta' Awissu 1999 hi kienet kaxxiera fl-istess bank fil-branka ta' Bormla. Qalet li kienet hi li kienet sarrfet cekk mahrug minn K&J Confectionery.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Marzu 2003 **xehed Alan Brincat** [fol 155] fejn qal li hu jahdem l-Bank of Valletta u fil-present kien jinsab BOV1. Meta gie muri d-dokumenti ML 1 sa ML 5 [fol 154] qal li dawk kienu hames cekkijiet li ssarrfu fil-ferghat tal-Bank of Valletta. Qal li hu kellu x'jaqsam ma cekk li jgib n-numru 782 billi fis-sebgha w ghoxrin ta' Awissu 1999, fl-evening service kien mar Kenneth Cassar li ghandu numru ta' karta tal-identita 17171M w ippresentalu dak ic-cekk u hu kien sarrafulu. Qal li hu ma kienx f'posizzjoni li jaghraf minn hu Kenneth Cassar. Qal li l-procedura hi li jmur il-klijent bil-karta tal-identita, jaraw jekk hemmx flus fil-kont tac-cekk li ikun ser jigi msarraf, u sussegwentement isarfu l-istess cekk. Qal li hu jqabbel l-wicc tal-persuna quddiemu ma dak muri fuq il-karta tal-identita ppresentata u kien hu li sarrfu u tah s-somma ta' mitejn u hamsin lira.

Illi l-imputati ma xehedux ghalkemm il-Prosekuzzjoni esibiet l-istqarrija taghhom nhar t-tmienja ta' Gunju 2000. Michael Rizzo fl-istqarrija tieghu dokument HD 2, li qatt ma giet michuda minnu, jammetti li c-cekk tal-Bank of Valletta numru 748 datata sitta ta' Settembru 1999, bl-ammont ta' mija u hames liri, gie mitkub minnu izda ffirmat mill-ko-akkuzat Kenneth Cassar u li sussegwentement, ghalkemm kien jaf li c-cekk kien misruq, qabad u mar gol-bank, pogga l-karta tal-identita numru tieghu fuq wara u sarrfu u Kenneth Cassar kien tah ghaxar liri ghal dan. Pero jichad li ippartecipa fis-seq jew fil-falsifikazzjoni tac-cekkijiet l-ohra esibiti fl-atti.

Minn naha l-ohra, Kenneth Cassar, fl-istqarrija tieghu rilaxxjata nhar l-hdax ta' Ottubru, 1999 markata bhala dokument HD 3, jghid li kien hu li seraq ic-cekkjijiet minghand Rapa u li kiteb fuqhom u sarraf diversi minnhom f'banek differenti. Jghid wkoll li r-rikoverat zammhom gahlih u xtara d-droga bihom. Jammetti wkoll li kull meta kien imur isarraf c-cekkijiet, salv dak tal-Bank of Valletta fl-ammont ta' mija u hames liri, kien ikun wahdu.

Illi ghalhekk, minn dawn l-istqarrijiet, jirrizulta bic-car l-ghemil tal-imputati.
**Il-Qorti** rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 167, 169, 188, 284, 285, 334, 49, 50, 308, 309 u 310(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u **tiddecidi billi tiddikjara li ssib lil imputati KENNETH CASSAR u MICHAEL RIZZO hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront taghhom, salv fil-konfront tal-imputat Kenneth Cassar ghal akkuza ta' ricettazzjoni mill-liema akkuza tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri.**

Il-Qorti rat wkoll l-verbal tad-Difiza datat l-ewwel ta' Novembru 2004 kif jirrizulta a fol 174 tal-ati, fejn l-istess Difiza ezentat lil Prosekuzzjoni mill-htiega li tressaq prova dwar r-recidiva w ghalhekk l-akkuza moghtija mill-Prosekuzzjoni u cioe dik ta' recidiva, li hu kkommetta reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza tirrizulta wkoll.

**Dwar il-piena:**

<u>Fil-konfront tal-imputat KENNETH CASSAR</u> il-Qorti rat li dan ma kkopera xejn mal-Prosekuzzjoni waqt l-andament tal-kawza u li fl-ebda hin ma ghamel tajjeb ghad-danni li sofriet is-socjeta minhabba dak li ghamel hu.

Rat wkoll l-fedina penali tal-istess Kenneth Cassar, esibita a fol 4 tal-atti odjerni markata bhala dokument CSH 1, minn fejn jirrizulta li dan diga nstab hati f'disgha okkazzjonijiet mill-Qrati taghna fuq akkuzi ta' serq aggravat, ricettazzjoni, pussess ta' droga, falsifikazzjoni ta' dokumenti u frodi [bhal l-akkuzi odjerni] w inghata sentenzi ta' prigunerija u multa izda dan nonostante ma tghallimx mill-passat tieghu ghaliex reggha qieghed il-Qorti akkuzat bir-reati odjerni u fid-dawl ta' din il-fedina penali u ta' dak li qalet il-Probation Officer dwaru u fid-dawl li lanqas ghamel tentattiv sabiex jikkumpensa lil vittmi tieghu, il-Qorti thoss li l-piena idoneja hija dik ta' prigunerija effettiva.

Ghaldaqstant, **il-Qorti**, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-akkuza ta' ricettazzjoni li nghatat mill-Prosekuzzjoni alternattivament ghal akkuza ta' serq, **tiddikjara li qed issib lil imputat KENNETH CASSAR hati tal-akkuzi kollha kif moghtija mill-Prosekuzzjoni u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sentejn u nofs.**

**Tordna wkoll li fil-konfront tal-imputat Kenneth Cassar li s-sentenzi sospizi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati nhar t-tnax ta' Ottubru 1998 u nhar t-tlieta ta' Marzu 1999 esibiti fl-atti w immarkati bhala dokumenti JA u JA 2 jigu rezi operattivi** u cioe b'hekk l-imputat Kenneth Cassar ghandu jaghmel tlett snin u nofs ohra maz-zmien ta' prigunerija moghtija f'din l-istess sentenza aktar 'l fuq. **<u>B'hekk l-imputat KENNETH CASSAR ghandu jaghmel sitt snin prigunerija b'kollox.</u>**

<u>Fil-konfront tal-imputat MICHAEL RIZZO,</u> il-Qorti ezaminat l-fedina penali tieghu esibita a fol 3 tal-atti, minn fejn jirrizulta li dan diga kiser dufrejn mal-ligi almenu f'zewg okkazzjonijiet ohra meta nstab hati fuq akkuza ta' serq w inghata probation u fuq akkuza kontra l-Ordinanza tat-

Traffiku. Illi pero jirrizulta minn dak li qalet l-Probation Officer Mariella Camilleri, li l-imputat Michael Rizzo ma jridx jaf u jobdi l-ordnijiet moghtija lilu minnha, ghalkemm ikkumpensa lil vittma ghal hsara li ghamel.
Ghalhekk, fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi, **il-Qorti** thoss li ghandha wkoll tapplika piena karcerarja pero ghal zmien inqas w ghalhekk **qed tikkundanna lil imputat MICHAEL RIZZO, u dan komplessivament fuq l-akkuzi kollha li taghhom sabitu hati, ghal piena karcerarja ta' tmintax il-xahar mill-lum**.

Il-Qorti taghti r-rakkomandazzjoni taghha lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin sabiex jaghti l-ghajnuna kollha mehtiega lil imputat Michael Rizzo sabiex dan ikun jista jindirizza l-problema li ghandu dwar l-abbuz ta' droga.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------